Verżjoni Elettronika

A.L. 126 tal-2024

ATT DWAR IL-FORZI ARMATI TA' MALTA (KAP. 220)

Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar in-Nomini u l-Kondizzjonijiet tas-Servizz tal-Forza Regolari tal-Forzi Armati ta' Malta

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 tal-Att dwar il-Forzi Armati ta' Malta, il-President ta' Malta għamlet dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar in-Nomini u l-Kondizzjonijiet tas-Servizz tal-Forza Regolari tal-Forzi Armati ta' Malta u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar in-Nomini u l-Kondizzjonijiet tas-Servizz tal-Forza Regolari tal-Forzi Armati ta' Malta, hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti prinċipali".

L.S. 220.03.

Jemenda r-regolament 12A tar-regolamenti prinċipali.

2. Minnufih wara s-subregolament (5) tar-regolament 12A tar-regolamenti prinċipali, għandu jiġi miżjud dan is- subregolament ġdid li ġej:

"(6) Fejn uffiċjal ikun ikkompleta ħamsa u għoxrin (25) sena ta' servizz u jkun issodisfa wkoll il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-partita 11(1) tat-Taqsima II tat-Tielet Skeda jagħżel li jkompli is-servizz tiegħu sussegwentement, l-imsemmi uffiċjal għandu jkun intitolat għall-pensjoni pagabbli mal-għeluq tal-ħamsa u għoxrin (25) sena ta' servizz, minkejja kwalunkwe avveniment li jista' jseħħ matul il-perjodu sussegwenti għall-għeluq tal-imsemmija ħamsa u għoxrin (25) sena servizz u li jista' jagħti lok għall-applikabbiltà tad-dispożizzjonijiet tal-partita 11(2) tat-Taqsima II tat-Tielet Skeda:

Iżda dan għandu jkun bla ħsara għall-possibiltà tal-akkumulazzjoni ta' benefiċċji tal-pensjoni addizzjonali:

Iżda wkoll id-dispożizzjonijiet tal-partita 11(2) tat-Taqsima II tat-Tielet Skeda għandhom japplikaw għall-pensjoni pagabbli lill-uffiċjali msemmija f'dan ir-regolament għall-perjodu sussegwenti għall-għeluq tal-imsemmija ħamsa u għoxrin (25) sena ta' servizz.".

Verżjoni Elettronika

Iżid regolamenti ġodda mar-regolamenti prinċipali.

3. Minnufih wara r-regolament 48 tar-regolamenti prinċipali għandhom jiġu miżjuda dawn ir-regolamenti ġodda li ġejjin:

"Żieda fl-emolumenti pensjonabbli.

48A. (1) Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament għandhom japplikaw għall-irġiel tal-forza li jkunu fis-servizz fl-1 ta' Ottubru 2023 jew wara:

Iżda l-irġiel tal-forza li rtiraw matul is-sena 2023 minħabba li laħqu l-età tal-pensjoni jew ġew boarded out minħabba raġunijiet mediċi għandhom ukoll jibbenefikaw minn dawn id-dispożizzjonijiet:

Iżda wkoll dawn id-dispożizzjonijiet għandhom japplikaw għall-irġiel tal-forza li reġgħu daħlu bħala membri tal-forza diment li jservu għal perjodu ta' mill-inqas erba' (4) snin mid-data li fiha jkunu reġgħu daħlu mal-forza, hekk kif stipulat fis-subregolament (2).

(2) Ħlief jekk espressament provdut xort'oħra fl-Att u fi kwalunkwe leġiżlazzjoni sussidjarja magħmula taħtu, raġel tal-forza li jkun għalaq il-ħamsa u għoxrin (25) sena fis-servizz u li jiddeċiedi li jibqa' fil-forza għal perjodu addizzjonali ta' erba' (4) snin għandu jkun intitolat għal żieda ta' tlieta u għoxrin fil-mija (23%) fil-pensjoni tiegħu.

(3) Jekk raġel tal-forza jibqa' jservi wara d-disgħa u għoxrin (29) sena fis-servizz skont is-subregolament (2), għandu jkun intitolat għal somma addizzjonali ekwivalenti għal sitt (6) xhur salarju bażiku għal kull sena addizzjonali ta' servizz, liema perjodu addizzjonali ta' servizz għall-finijiet tal-imsemmi ħlas ma għandux jeċċedi massimu ta' erba' (4) snin servizz.

(4) Bla ħsara għas-subregolament (3), ir-raġel tal-forza għandu jingħata gratifikazzjoni fuq bażi *pro rata* jekk sena sħiħa jew snin sħaħ ta' servizz addizjonali ma jkunux ġew kompluti minħabba mard jew jekk ir-raġel tal-forza ikun laħaq l-età tal-irtirar kif imfissra fl-Att dwar is-Sigurtà Soċjali.

Kap. 318.

(5) Il-gratifikazzjonijiet skont dawn ir-regolamenti għandhom jitħallsu mal-irtirar tar-raġel tal-forza jew meta jilħaq tlieta u tletin (33) sena servizz.

Verżjoni Elettronika

(6) Fejn raġel tal-forza ikun għamel ħamsa u għoxrin (25) sena servizz u jkun issodisfa wkoll il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-partita 11 tat-Taqsima II tat-Tielet Skeda jagħżel li jkompli is-servizz tiegħu sussegwentement, l-imsemmi raġel tal-forza għandu jkun intitolat għall-pensjoni pagabbli mat-tlestija tal-ħamsa u għoxrin (25) sena servizz, minkejja kwalunkwe avveniment li jista' jseħħ matul il-perjodu sussegwenti għat-tlestija tal-imsemmija ħamsa u għoxrin (25) sena servizz u li jista' jagħti lok għall-applikabbiltà tad-dispożizzjonijiet tal-partita 11(2) tat-Taqsima II tat-Tielet Skeda:

Iżda dan għandu jkun bla ħsara għall-possibiltà tal-akkumalazzjoni ta' benefiċċji tal-pensjoni addizzjonali:

Iżda wkoll id-dispożizzjonijiet tal-partita 11(2) tat-Taqsima II tat-Tielet Skeda għandhom japplikaw għall-pensjoni pagabbli lill-irġiel tal-forza msemmija f'dan ir-regolament għall-perjodu sussegwenti għat-tlestija tal-imsemmija ħamsa u għoxrin (25) sena servizz.

Emolumenti pensjonabbli lil konjuġi superstiti jew sieħeb. Kap. 318.

48B. Fejn raġel tal-forza imut qabel ma jilħaq l-età tal-pensjoni hekk kif imfissra fl-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, kemm jekk hu jkun għadu fis-servizz kif ukoll jekk ikun diġa irtira u jkun qed jirċievi pensjoni skont l-Att, il-konjuġi jew sieħeb superstiti tiegħu għandu jirċievi pensjoni tar-romol għal perjodu li ma jeċċedix ħames (5) snin mill-mewt tal-imsemmi raġel tal-forza, jew sad-data meta r-raġel tal-forza kien ikun laħaq l-imsemmija età tal-pensjoni, skont liema tiġi l-ewwel. Il-pensjoni tar-romol għandha tkun ekwivalenti għall-proporzjon indikat fit-Tnax-il Skeda li tinsab mal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, ekwivalenti għal żewġ terzi tas-salarju bażiku tar-raġel tal-forza mal-mewt jew mal-irtirar tiegħu, kif applikabbli:

Iżda l-pensjoni għandha tingħata biss jekk l-imsemmi raġel tal-forza ikun serva fil-forza għal perjodu ta' mill-inqas għaxar (10) snin:

Verżjoni Elettronika

Iżda wkoll id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament għandhom japplikaw retroattivament fil-każ ta' rġiel tal-forza li jkunu mietu fl-1 ta' Jannar 2022 jew sussegwentement, iżda qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti.".